MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 324/2011

Kawza fil-lista: 17

**B G K**
**vs**
**C X f' isimha proprju u bhala kuratrici 'ad litem' tat-tifla minuri R Z; P Z; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li minn relazzjoni extra-matrimonjali li l-konvenuta C X, allura de facto separata minn ma' zewgha l-konvenut P Z, kellha ma' l-attur, twieldet it-tifla R fit-2 ta' Gunju 2011, u li fuq l-att tat-twelid taghha numru 2413/11 giet registrata bhala bint il-konvenut l-istess P Z, mentri fil-fatt hi l-wild naturali u bijologika ta' l-istess attur; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-missier naturali tat-tarbija R Z li twieldet fit-tnejn (2) ta’ Gunju tas-sena 2011 minn relazzjoni li r-rikorrent B G K kellu mal-intimata C X, omm it-tarbija, huwa l-istess rikorrent B G K u mhux l-intimat P Z;

Tordna lill-intimata Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel u jirregistra l-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid li jgib in-numru 2413 tas-sena 2011 b’ dana li fil-parti “Taghrif dwar it-tarbija” senjatament fil-kolonna “Isem jew ismijiet li bih-bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha” jithassar il-kunjom “Z”u minflok jitnizzel il-kunjom “K” u li fil-parti “Taghrif dwar missier it-tarbija” jithassru isem u kunjom u d-dettalji kollha ta’ l-intimat P Z u minflok jigu imnizzla isem u kunjom u d-dettalji tar-rikorrent senjatament fil-kolonna “Isem u Kunjom” jitnizzlu “B G K”, fil-kolonna “Id-Dokument ta’ l-Identita’” jitnizzel in-numru 0054331A, fil-kolonna “Eta’” jitnizzel in-numru 43, fil-kolonna “Twieldu” jitnizzel Hoogezand/Sappenmeer, l-Olanda, fil-kolonna “Joqghodu” jitnizzel Birkirkara u fil-kolonna “ Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” jitnizzel B Kertsholt (Haj).

Bl-ispejjez kontra l-intimati li sa minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrefera ghall-artikoli 77A u 81 tal-Kap.16;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta C X ddikjarat li hi taqbel mal-kontenut tar-rikors guramentat u mat-talbiet ta’ l-attur;

Rat li l-konvenut P Z, debitament ingunt, ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u mill-Ispizjara d-Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla R Z li twieldet mill-konvenuta C X fit-2 ta' Gunju 2011 hija l-wild naturali u bijologika tieghu, u mhux tal-konvenut P Z; kif ukoll sabiex isiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri, numru 2413/11.

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenuti C X u P Z isseparaw de facto fis-sena 2005, u minn dak iz-zmien 'il quddiem ma kellhomx relazzjonijiet intimi aktar. F' Settembru 2009 l-istess konvenuta dahlet f' relazzjoni stabbli ma' l-attur, liema relazzjoni ghadha sejra sallum. Matul din ir-relazzjoni l-attur u l-konvenuta X kienu ppjanaw li jkollhom tarbija, bir-rizultat li l-istess konvenuta harget tqila, u fit-2 ta' Gunju 2011 twieldet it-tifla R, li pero' giet registrata bhala bint il-konvenut P Z. Fi kliem l-attrici "Ahna ilna nghixu flimkien mis-sena 2009, u ghadna nghixu flimkien sallum-il gurnata u nghixu bhala familja wahda."

Inoltre mill-provi jirrizulta li l-attur dejjem accetta u kkunsidera lit-tifla bhala bintu naturali, u ghalhekk l-pussess ta' stat tat-tifla mhuwiex konformi mal-att tat-twelid taghha.

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jissufraga t-tezi ta' l-attur.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett ta' l-eccezzjoni bazata fuq id-dispost ta' l-artikolu 81 tal-Kap.16, tilqa' t-talbiet ta' l-attur; u tiddikjara li t-tifla R Z li twieldet mill-konvenuta C X fit-2 ta' Gunju 2011, mhijiex il-wild naturali tal-konvenut P Z, izda hija l-wild naturali ta' l-attur.

Spejjez a kariku ta' l-attur u tal-konvenuta C X proprio, konguntivament u fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------